MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2964/2002

Avviz numru: 2964/02AE

Frank Borda Ltd

Vs

Anthony u Pauline Cassar

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlieta u hamsin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm53.55) prezz ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija u in kwantu ghal hames liri Maltin (Lm5) spejjez ta' ittra legali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza

fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta attrici li permezz taghha rrinunzjat ghall-kawza fil-konfront tal-konvenuta Pauline Cassar stante ftehim fil-mori, waqt li zammet ferm it-talba fil-konfront tal-konvenut l-iehor limitatament fir-rigward tas-somma ta’ disa’ u ghoxrin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm29.28).

Semgha x-xhieda moghtija minn Mary Grace Darmanin in rapprezentanza tas-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut Anthony Cassar ihallas is-somma ta’ disa’ u ghoxrin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm29.28), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------